MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 18/2008

**Talba Nru: 18/08PBC**

**C & L Calleja Trading Limited**
**(C-28851)**

**Vs**

**Elia Ignazio Franceschi (I.D. 70102 L)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tlieta u sittin centezmu (€1,988.63) – (Lm853.72c) liema ammont huwa rapprezentanti prezz ta` konsenja/i ta` hut mibjugha lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa` ma thallasx.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tlieta u sittin centezmu (€1,988.63) – (Lm853.72c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------